**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Mario Spiteri)**

**(Supretendent Simon Galea)**

**Vs**

**Omissis 1**

**Eric Scicluna**

**Omissis 2**

Kaz Numru: 859/10

Illum 15 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis 1, l-imputat Eric Scicluna, ta' 38 sena, iben Carmel u Antonia nee' Galea, imwieled Pieta', residenti 5B, Triq Prosperina, Mtarfa, detentur ta' karta tal-identita' 358572 (M), u l-imputat Omissis 2 akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Marzu 2008 u fix-xhur kemm ta' qabel u kemm ta' wara:

1. Irrendew ruhhom komplici billi kkorrompew lill-Kuntistabbli PC699 Kenneth Sevasta, ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, billi offrew xi rigali jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor lill PC699 Kenneth Sevasta, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta kien sabiex l-istess PC699 Kenneth Sevasta jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u b'dan ukoll illi barra milli l-istess PC699 Kenneth Sevasta accetta il-hlas, il-wieghda jew l-offerta fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel;

2. F'Malta assoccjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalija hemm piena ta' prigunerija;

3. Aktar talli Omissis 1, Eric Scicluna u Omissis 2 saru recidivi b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukati Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-artikoli 120(1) u 115(b) u (c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat b'mod sommarju.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qiegħed jiġi mixli li fix-xahar ta' Marzu 2008 u fix-xhur kemm ta' qabel u kemm ta' wara rrenda ruħu komplici billi kkorompa lill-uffiċjal pubbliku Kenneth Sevasta; kif ukoll li assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra bil-għan li jwettaq delitt f'Malta li għalih hemm piena ta' priġunerija u li huwa recediv.

Is-Supretendent Mario Spiteri[1] xehed li l-investigazzjoni bdiet l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2010 meta għall-ħabta tas-1.30p.m. sab lill-imputat odjern fl-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija li kienu qegħdin jitkellmu bejniethom. L-imputat kien qiegħed jiġi mistoqsi mill-Kummissarju dwar ċertu irregolaritajiet li allegatament kienu qegħdin jiġu mwettqa minn membri tal-Administrative Law Enforcement u rigward l-involviment tal-istess imputat. L-imputat stqarr xi affarijiet u ttieħditlu stqarrija[2] wara li ngħata s-solita twissija. Wara li l-imputat telaq mill-kwartieri ġenerali tal-pulizija x-xhud wera l-istqarrija lill-Kummissarju tal-Pulizija li min-naħa tiegħu qallu li ċertu elementi ma kienux hargu għalkemm lill-Kummissarju l-imputat kien qalhomlu. B'hekk ix-xhud bagħat għal Eric Scicluna għat-tieni darba. Scicluna mar u x-xhud staqsih tlett mistoqsijiet ulterjuri li jinstabu fid-dokument ezebit bħala Dok MS2[3]. In kontro-ezami qal li qabel ma staqsih it-tlett domandi ulterjuri qallu bl-istess drittijiet u ma reggħax tah it-twissija skont il-liġi.

Il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, is-sur John Rizzo, xehed[4] li kien ilu jirċievi informazzjoni fuq xi membri tal-A.L.E li b'xi mod kienu f'kolluzjoni ma' ċertu nies. Kellu bniedem li xtaq jibqa' kunfidenzjali u fost l-informazzjoni li tah kien semma lill-imputat Eric Scicluna u wara li tah is-solita twissija ingħata wkoll id-dritt li jkun assistit minn avukat izda huwa rrifjuta għal tali dritt. Eric Scicluna beda jitkellem dak li imbagħad aktar tard ġie rifless fl-istqarrija meħuda mis-Supretendent Mario Spiteri. Huwa kompla li l-imputat odjern semma xi pulizija u anke surġent tal-pulizija li kien hemm ċertu ħbiberija magħhom u partikolarment fil-konfront ta' wieħed minnhom. Semma li kienu jagħtuhom xi rigali u l-pulizija kienu jagħtuhom meta kienu għassa u fejn ħa jkunu għassa u r-raġuni wara dan kien biex huma jkunu jistgħu joperaw b'aktar kumdità' l-passjoni tagħhom ossija l-kaċċa. Issemmew tlett membri fil-korp tal-pulizija li ġew investigati. Wieħed minnhom ġie imressaq akkużat b'akkużi kriminali. Ix-xhud kompla li kienu bagħtu għall-imputat darbtejn billi wara li saret konsultazzjoni mal-Avukat Ġenerali xtaq li jiġu verifikati ċertu punti. Kien hemm imbagħad żewġ kuntistabbli li għaddew minn proċeduri dixxiplinarji.

---

[1] Seduta tat-13 ta' Ottubru 2010

[2] Dok MS1 a fl 70 tal-process

[3] A fol 73 tal-process

[4] Seduta tad-19 ta' Jannar 2010

Xehed imbaghad Kenneth Sevasta[5] u dan wara li l-proceduri kriminali mmexxija fil-konfront tieghu ghaddew in gudikat. Huwa qal li huwa pulizija li l-ahhar li kien stazzjonat kien fl-A.L.E. Huwa kkonferma li lil Eric Scicluna jafu hafna. L-ewwel darba li ltaqa' mieghu kien meta x-xhud kien fuq xoghol isegwi struzzjonijiet tal-Ispettur Miruzzi fuq kacca illegali fir-Rabat. Kollega tax-xhud qallu biex icempel lill-imputat Scicluna billi dan kien ighinhom billi jghaddi lill-pulizija l-informazzjoni. Il-kollega tieghu tah in-numru ta' Scicluna, is-sur Sevasta cempillu, iltaqa' mal-imputat odjern li fil-fatt iggwidah u bl-ghajnuna tieghu kien inqabad l-individwu. Minn dakinhar Eric Scicluna kien l-informer principali tieghu. U b'hekk l-imputat kellu wkoll in-numru tat-telefown tax-xhud. Is-sur Sevasta xehed li f'xi zmien huwa kellu problema familjari u kien staqsa lil Eric Scickuna jekk setax isellifiu xi flus. Is-sur Scicluna tah €150 li x-xhud raddlu lura l-istess ammont zmien wara. Huwa jichad li qatt ircieva xi rigali. Li kienu jaghmlu kien li fi zmien il-festi tal-Milied ix-xhud kien jaghti xi rigali lill-genituri tal-imputat li min-naha tieghu kien jaghtixi haga lilu u lit-tifel specjalment. Mistoqsi jekk l-imputat qattx staqsih fejn kien se jkun xoghol, is-sur Sevasta rrisponda li iva gieli staqsih u dan biex jekk ikollu bzonn xi haga huwa kien ikun jaf f'liema are kien se jkun. Kulhadd kien jaf li Eric Scicluna kien informer tieghu. In kontro-ezami huwa kkonferma li kien akkuzat li gie korrott minn Eric Scicluna u zewg persuni ohra u li huwa ma nstabx hati ta' tali imputazzjoni. B'referenza ghall-istqarrija mehuda lilu din kienet ittihditlu minghajr l-assistenza ta' avukat. Ikkonferma li l-imputat mhux biss kien ighaddilu l-informazzjoni izda kien ighaddiha anki lill-pulizija ohra. Kien ghalhekk li kien ikun hemm komunikazzjoni bejniethom. Spjega wkoll li meta kien talab il-flus lill-imputat minhabba mard fil-familja l-imputat ma tahx il-flus ghaliex is-sur Sevasta weghdu li kien se jpattilu b'xi pjacir.

L-imputat irrilaxxja stqarrija u ghal din se ssir referenza ampja aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

## L-ewwel imputazzjoni

Inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni referenza ssir ghar-rassenja ta' gurisprudenza u insenjamenti senjalati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Ferris**[6] fejn il-Qorti dahlet fid-dettal ta' anki kif origina dan ir-reat. Din il-Qorti se tirreferi ghal partijiet minn tali sentenza:

Jinghad li r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huwa reat li jmur lura sa zmien il-ligi Rumana. Il-legislazzjonijiet tal-passat ipprovdu ghal piena ta' ufficcjali pubblici li kienu korrotti b'severita' kbira. Fil-fatt il-ligi of 'The Twelve Tables' applikat f'kull kaz simili bhal dan f'kaz ta' htija l-piena tal-mewt.

---

[5] Seduta tat-30 ta' Novembru 2016

[6] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Mejju 2015, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2016

Fil-fatt fil-ktieb 'The Elements of Roman Law'[7] jinghad li "At the dawn of Roman Law the Twelve Tables enacted the death penalty against a iudex or arbiter convicted of taking a bribe. From Augustus onwards judges who accepted bribes incurred severe penalties under the lex Julia repetundarum."

Il-Kodici Penali taghna kif ser jigi mfisser spjegat aktar 'il quddiem jipproporzjona l-piena skont il-gravita' tar-reat f'kull kaz partikolari. Sir Andrew Jameson ikkummenta li kien ikun ahjar li reat bhal dan ma jkunx inkluz fil-kodici milli jigi trattat bi piena leggera u mhux adegwata. Fil-fatt dan Jameson ikompli jghid li "The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as rigourously to exclude the temptations to sacrifice duty to gain."[8]

Fil-fatt imkien fil-kodici Penali taghna ma nsibu tifsira ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni. Ghalkemm fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paola Pace**[9], l-Imhallef Montonaro Gauci ghamel referenza ghal enciklopedija u qal "the offence of bribery may be defined as the offering, giving or accepting of consideration in some shape or form, that it may be a motive in the performance of functions for which the proper motive outght to be a conscientious sense of duty."[10]

Il-korruzzjoni ta' ufficjal publiku huwa trattat fl-artikoli tal-ligi enumerat Artikolu 115 et seq tal-Kodici Penali. Dawn il-provedimenti jaqghu taht it-Titolu III intitolat "Fuq id-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet Pubblici ohra." U appuntu taht is-sub-titolu IV intitolat "Fuq l-abbuz tal-Awtorita pubblika – fuq ufficcjali jew impjegati pubblici li jesigu l-flus jew hwejjeg ohra kontra l-ligi. Fuq estorsjoni u fuq il-korruzzjoni."

L-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta'xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati......."

Minkejja dan il-gravita' tar-reat il-piena wkoll tvarja. Tant huwa hekk li l-artikolu jkompli jipprovdi li:-

(a) "jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;
(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta'prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;

[7] 14th Edition R.W Lee pagna 401.
[8] Notes on Criminal Law (revised edition 1954-1955) Professor A. J. Mamo pagna 95.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1950
[10] Encyclopaedia Brittanica Vol. 4 'Bribery'.

(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta'prigunerija minn sena sa tmien snin".

Il-Professur Mamo jikteb hekk dwar dan ir-reat[11]: "this crime subsists at any rate in its simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et**[12] fejn inghad is-segwenti:

"In propositu huwa rilevanti hafna l-Artikolu 114 (illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."

Fil-kaz appena msemmi, il-Qorti riteniet li ".... u huwa immaterjali – ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."

Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li iridu jigu ippruvati huma essenzjalment erbgha u cioe:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-impieg tal-persuna ikkoncernata.
2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.
3. li dana ikun in konnessjoni mal-istess kariga jew impieg.
4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.

Dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jigi meqjus li r-reat gie pruvat.

Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita ukoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.

[11] Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo, pagna 84.
[12] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986.

Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika tal-impieg tal-persuna li qed tigi korrotta. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "*The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. … It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.*"

Il-ligi ghalhekk tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u konsegwentement huwa eskluz kull min ma jkollux din il-kariga.

Cheveu Helie kkwotat mill-Professur Mamo fil-fatt ighid li:

"min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jitradixxi mhux biss id-doveri partikolari tal-ufficcju tieghu izda anke jitradixxi l-interess tal-komunita' li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifisha".

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hanwhekk ghal darb'ohra ssir referenza ghas-sentenza fuq citata **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[13] fejn inghad li:-

"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."

Cio nonostante jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni (sotto linear ta' din il-Qorti). Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk wiehed jistaqsi jekk hemmx bzonn li l-weghda jew rigal ghandux isir personalment jew jistax isir tramite intermedjarju. Jinghad li attwalment jirrizulta minn kliem il-ligi stess li mhux necessarju li r-rigal jew offerta jsir lejn l-ufficjal

[13] Ibid

pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu. Jekk l-ufficjal pubbliku agixxa tramite intermedjajru r-reat jissustixxi xorta. Basta pero' l-intermedjarju jkun agixxa bil-kunsens tal- ufficcjal pubbliku. Lanqas ma taghmel xi differenza jekk il-vantagg kien ser isir a beneficcju tal-ufficcjal pubbliku jew ta' xi terza persuna, purche l-ufficjal pubbliku kien jaf x'kien ghaddej. Dawn iz-zewg punti huma trattati fid-dettal fis-sentenza il-Pulizija vs Victor Busuttil Naudi[14]. F'dan il-kaz l-imputat kien avvicina lil Dr. Albert Camilleri li kien bin l-Onorevoli Bertram Camilleri li kien il-Ministru tal-Industija u qallu li jekk missieru rnexxielu jgiblu licenzja ta' mportazzjoni kien lest li jaghtih is-somma ta' mitejn lira sterlina. Il-Ministru ma accettax l-offerta. Il-Qorti f'dik is-sentenza qalet is-segwenti:-

"...biex wiehed jaghmel id-delitt kontemplat fl-artikolu 118 (2) illum 120 (2) tal-kodici kriminali huwa mehtieg li l-offerta li biha jittanta l-ufficjal pubbliku, jaghmilha jekk mhux direttament ghall-inqas indirettament lill-ufficcjal pubbliku. Biex jinghad li l-offerta saret indirettament lill-ufficjal pubbliku jehtieg li dina tkun intiza biex tasal ghandu u biex huwa jsir jaf biha, izda minghajr ma hu mehtieg li l-vantagg jew utili offert ikun intiz personalment ghalih. Jekk l-offerta issir lil terza persuna ghall-vantagg esklussiv taghha, minghajr il-hsieb jew il-prospettiva li l-offerta titwassal ghal konjizzjoni tal-ufficcjal pubbliku, u bil-hsieb li dik it-terza persuna tuza l-influwenza taghha personali fuq l-ufficcjal pubbliku b'xi rakkomandazzjonijiet jista jinghad li saret offerta ta' xiri – 'bribe' – ta' dik it-terza persuna, izda mhux ta' l-ufficcjal pubbliku. U tabilhaqq skop tal-offerta huwa l-korruzzjoni permezz taghha ta' l-ufficjal pubbliku u ma jistax ikun hemm korruzzjoni jew perikolu ta' korruzzjoni jekk bl-offerta l-ufficcjal ma jkunx jaf."

Ghalhekk l-offerta lejn l-ufficcjal pubbliku tista' tkun diretta jew indiretta. Fil-kaz ahhari, sabiex jissusti r-reat, l-offerta trid tkun intiza sabiex tasal ghal ufficcjal pubbliku u l-ufficjal pubbliku irid ikun jaf dwarha. Rigward il-valur tal-offerta jinghad li dan hu rrelevanti u ghal dan il-ghan referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Alfred Demicoli fejn inghad li "Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini tal-artikoli tal-Kodici Kriminali specjalment l-artikolu 114 (illum 115), l-ammont ta' dawn il-hlasijiet huwa irrelevanti."

<u>It-tielet element</u> kontemplat fir-reat skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mil-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa' fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m'ghandux x'jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta' ufficcjal pubbliku u cioe'li m'ghandux dritt jaghmel dak l-att skond l-impjieg tieghu xorta jibqa' att ta' ufficcjal pubbliku pero' mhux wiehed li jaqa' fil-parametri ta' dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta' haga li hu biss jista' jaghmel. Ghalhekk ma jimpurtax jekk tali haga taqax tahtu direttament taht il- kompetenza tieghu jew jekk taqax taht il-funzjonijiet li talvolta jista' jiddelega.

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 1950

Terga' ssir referenza ghas-sentenza **il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[15] fejn il-Qorti rriteniet li:-

"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mil-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."

Fil-fatt il-Qorti tikkwota lil Professur Mamo kif del resto ghamel l-ufficcjal prosekutur fejn qal li:-

"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon"[16].

Is-sentenza tkompli tipprovdi li: "Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz." . Il-Qorti qalet ukoll ".....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."

Ghalhekk, sabiex jissussisti dan ir-reat ta' korruzzjoni hemm bzonn li jigi stabilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utili iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku.

Fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini**[17], il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 ma jissistix.

<u>Ir-raba' element</u> huwa li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m'ghandux x'jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid "..the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice."[18]

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar 1994.
[16] Vide footnote numru 7
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012
[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar 2014

Ufficcjali Publici jridu jaghmlu xoghlhom minghajr ebda offerti, weghdiet jew rigali apparti dawk li jsiru skond il-haqq.

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-Professur Mamo jghid "that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."[19]

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli**[20] il-Qorti irriteniet "b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata.

M'hemmx dubju li l-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplax korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku in konnessjoni ma' att li kien gja sehh. Pero' dan kien isehh jekk tali att isehh ta' sikwit li l-ufficjal pubbliku jibda jippretendi dan l-att. Hawnhekk fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza msemmija mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni taghha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Liliana Galea**[21] fejn dik il-Qorti stqarret li

"Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti'. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Gatt[22]differentement mill-posizzjoni fil-ligi Taljana, that il-ligi taghna "sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."

Abbazi tal-artikolu tal-ligi u ta' dawn l-insenjamenti meta jigu kkunsidrati l-provi prodotti din l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tissusistix u dan ghar-ragunijiet li se jsegwu:

- L-ewwel imputazzjoni tinsab arginata fil-konfront ta' Kenneth Sevasta fis-sens li l-imputat qieghed jigi mixli li rrenda ruhu komplici fil-korruzzjoni ta' Kenneth Sevasta.

[19] Ibid Professor Mamo op cit pagna 87.

[20] Ibid Professor Mamo op cit pagna 87

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 1985

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012

- Mill-provi jemergi li l-imputat fiz-zmien mertu tal-proceduri odjerni u qabel kien ihobb johrog ghal-kacca. Fl-istqarrijia tieghu l-imputat qal li huwa kien darba gie kkundannat ihallas multa ta' €6,000 ghaliex kien ikkacja fuq il-bahar fl-istagun maghluq. Minn dakinhar huwa ma baqax johrog ghall-kacca. L-imputat kompla li huwa gieli kellem lil xi pulizija tal-A.L.E meta kien jiltaqa' maghhom l-ghalqa meta kienu jitolbuh il-licenzja u li gieli staqsiehom meta se jkunu xoghol. Huma kienu jghidulu meta kienu se jkunu xoghol. Dawn il-pulizija kienu James, Fredu u Kenneth Sevasta. L-imputat stqarr li kien ilu jaf lil dawn il-pulizija madwar hames snin. Lilu qatt ma talbuh xejn. Kompla li gieli tahom xi flixkun whisky jew xi koxxa tal-majjal ghall-habta tal-Milied u dan xi darbtejn jew tlett okkazjonijiet. Flus qatt ma tahom u hadd mill-pulizija qatt ma talab xi flus.

- L-imputat fl-istess stqarrija cahad li ta xi affarijiet sabiex jikseb informazzjoni bil-ghan li jkun jista' jikkacja liberament. Huwa tahomlhom bhala hbieb. Inoltre' meta kienu jghidulu jekk kienux xoghol qatt ma qalulu biex imur ghal-kacca. Fit-tieni parti tal-istqarrija l-imputat kompla li Kenneth Sevasta, fost ohrajn, gieli cempillu li kien se jkun xoghol fl-area tieghu biex ikun jista' johrog ghal kacca liberalment jekk jiddeciedi li johrog. Huwa wkoll gieli kkuntattja lil dawn il-pulizija minn fuq mowbajl li kienu tawh huma stess.

- Illi m'hemmx dubju li Kenneth Sevasta kien ufficjal pubbliku waqt l-allegat reat u dan billi ghalkemm ma ngab l-ebda xhud biex jipprezenta xi dokument ufficjali, l-istess Kenneth Sevasta fuq il-pedana tax-xhieda kkonferma dan bil-gurament tieghu.

- Jirrizulta mill-atti li Kenneth Sevasta gie liberat mill-akkuza ta' korruzzjoni fil-proceduri kriminali intavolati kontrih li gew decizi definittivament permezz tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Mejju 2016[23].L-a

- Iz-zewg ufficjali tal-pulizija li allegatament kienu implikati iffacjaw proceduri dixxiplinarji fil-konfront taghhom gew ukoll liberati.

- L-allegati zewg komplici tal-imputat ma tressqux bhala xhieda f'dawn il-proceduri nonostante li l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom kienu ghaddew in gudikat.

- Stabilit li l-ewwel element rikjest sabiex tigi pruvata din l-imputazzjoni jirrizulta ppruvat, it-tieni element sabiex jissusisti r-reat ta' korruzzjoni huwa mankanti. Hemm nieqes l-element ta' weghda ta' xi rigali jew retribuzzjoni ohra. Minn imkien ma hareg mill-provi dan l-element ta' weghda, anzi Kenneth Sevasta xehed li huwa qatt ma talab xejn u Eric Scicluna qatt ma weghdu xejn. Jekk kien hemm drabi fejn Eric Scicluna ta xi rigal lilu jew lill-genituri tieghu dan kien minhabba l-hbiberija ta' bejniethom li kienet tirrisali ghal madwar hames snin. Din il-Qorti semghet lil Kenneth Sevasta u tqis li kien veritier f'dak li xehed f'dan l-aspett. Inoltre' mhux kontestat li l-imputat u Kenneth Sevasta kienu jcemplu lil xulxin, kif d'altronde' rrizulta mill-provi, izda l-ammont ta'

[23] Dok GS a fol 251 tal-process

telefonati bejniethom ma jfissrux li kienet necessarjament qeghda titwettaq xi illegalita'. Ma jridx jintesa wkoll li Eric Scicluna kien informer ta' Kenneth Sevasta u l-pulizija u ghalhekk l-istess Eric Scicluna u Kenneth Sevasta kellhom ikollhom kuntatt ma' xulxin. Saret referenza wkoll ghall-fatt li Eric Scicluna ta l-ammont ta' €150 lil Kenneth Sevasta. Mill-atti rrizulta li Kenneth Sevasta kellu problemi ta' sahha fil-familja u talab lill-imputat jekk setax isellfu madwar €500 minhabba f'hekk u ghamel dan ghaliex kien ihossu komdu mal-imputat minhabba l-hbiberija taghhom. L-imputat tah €150 li min-naha tieghu Sevasta xehed bil-gurament li raddlu lura. Lanqas f'din l-istanza ma rrizulta li dawn il-flus ghaddew bl-intiza li Sevasta b'xi mod jiffacilita' lill-imputat biex johrog ghal-kacca liberament.

Ghaldaqstant jekk effettivament l-imputat ta xi rigali lil Kenneth Sevasta ma kien hemm l-ebda ness bejn il-pjacir u r-rigal moghti lill-istess Sevasta.

- B'referenza ghat-tielet element, kif diga' gie rilevat, rikjest sabiex jissussisti r-reat ta' korruzzjoni ma rrizultax li qatt kien hemm xi weghda jew intalbu xi rigali jew li Kenneth Sevasta kien se jaghmel xi haga ghal xi forma ta' retribuzzjoni. Irrizulta biss li Kenneth Sevasta ircieva rigali mill-imputat ghal xi okkazjoni partikolari.

- Ai fini tar-raba' element hareg car li lanqas dan l-element ma kien prezenti ghaliex minn imkien ma jirrizulta li Kenneth Sevasta meta kien ighid fejn kien se jkun xoghol la kien hemm weghda u lanqas offerta mill-ebda parti involuta.

- Tajjeb li jigi rilevat li giet ezebita vera kopja ta' sentenza[24] li nghatat fil-konfront tal-imputat odjern li huwa ghamel referenza ghaliha fl-istqarrija tieghu. Din is-sentenza inghatat fit-13 ta' Mejju 2009 u kienet tirreferi ghat-2 ta' Marzu 2009 u allura dan ikompli jikkonferma kemm fil-fatt ma kien hemm l-ebda weghda jew accettazzjoni ta' xi rigal specifikatament ghal xi forma ta' retribuzzjoni ghaliex fiz-zmien koncernat li jirrisali qabel il-perjodu tal-imputazzjonijiet odjerni Eric Scicluna u Kenneth Sevasta kienu diga' jafu lil xulxin.

## It-tieni imputazzjoni

Din l-imputazzjoni hija dwar assocjazzjoni, cioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni jissussisti r-reat in ezami jekk xi persuni jassocjaw ruhhom b'l-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Ghalhekk il-persuni koncernati jridu jkunu qed jippjanaw li jaghmlu delitt (mhux kontravvenzjoni) li huwa punibbli bi prigunerija.

Fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden**[25]

[24] Dok SG 2 a fol 117 tal-process
[25] Qorti Kriminali deciza fit-2 ta' Novembru 2009

"In the Godfrey Ellul case[26] mentioned by appellant, this Court had referred to what is said in **Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** in respect of conspiracy**:**

**"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R*. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.[27]**

**....**

**"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them': *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval i*n Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."[28]**

**12.** In the Godfrey Ellul case this Court had not stated that this is the position under Maltese law. However it is in agreement with what is stated therein as it is quite clear from the said quotation that evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself. Indeed the quotation from Archbold clearly states that a conspiracy may also be proved "in the usual way" – so by means of direct evidence and/or circumstantial evidence which must be univocal, that is to say, that cannot but be interpreted as pointing towards the existence of a conspiracy."

Mill-provi in atti li diga' saret referenza aktar 'il fuq f'din is-sentenza, m'hemm l-ebda prova li kien hemm xi kuntatt bejn tnejn min-nies jew aktar li ftehmu biex iwettqu xi tip ta' reat u konsegwentement lanqas hemm prova ta' xi pjan mahsub biex dan jitwettaq.

**L-addebitu tar-recediva**

[26] **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**, decided by this Court on the 17th March 2005.

[27] See para. 33-4, page 2690.

[28] *Op. cit.* Para. 33-11, page 2692.

In vista li l-imputat mhux qieghed jinstab hati ta' xi imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu jsegwi li huwa lanqas ma jista' jinstab hati ta' dan l-addebitu billi dan l-addebitu huwa konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet li pprecedew.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**